MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 630/2000/1

**Dolmen Complex Limited**

**vs**

**Intramed Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 4 ta’ April 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta’ disat elef tliet mija u wiehed u sittin Lira Maltin (Lm9,361) rapprezentanti prezz ta’ servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti fuq istruzzjonijiet taghkom, kif jidher minn prospett anness u mmarkat bhala Dok A.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata Gunju 1999, izda xorta baqghet inadempjenti.

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi *a tenur* tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) *stante* li fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'taghti kontra t-talbiet tas-socjeta' attrici u l-istanti qed jannetti affidavit hawn immarkat Dok "B" *a tenur* tal-istess artikoli tal-Kap 12 hawn fuq indikati.

Tghid s-socjeta' konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorri;

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smigh tal-kawza *ai termini* - tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm9,361, rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti mis-socjeta' attrici, kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Gunju 1999, u bl-imghax sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-3 ta’ Mejju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 11 ta’ Mejju 2000 (fol 9) fejn esponiet : -

1. Illi preliminarjament

a. Hija mhijiex il-legittimu kontradittur u m' ghandhiex ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta` Russa "Seasons Travel Agency", li taghha hija biss il-"Handling Agent gewwa Malta" u bhala tali m'ghandha l-ebda fondi tal-istess socjeta' estera u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

b. It-talbiet attrici huma preskritti *a tenur* tal-artikolu 2147B tal-Kodici Civili.

c. Minkejja ghal fatt illi t-talbiet attrici huma bbazati kompletament fuq il-"Prospett” anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. 'A' u r-rapprezentant tal-istess socjeta` attrici bbaza d-dikjarazzjoni guramentata tieghu fuq l-istess Dokument 'A’ li fl-elenku tad-dokumenti esibiti mac-citazzjoni huwa wkoll indikat bhala anness, dan id-dokument ma jezistix mac-citazzjoni - li, ghalhekk hija inkompleta u nulla.

2. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost:

a. Anki kieku is-socjeta' konvenuta hija b'xi mod responsabbli biex twiegeb ghat-talbiet attrici, hija kienet issostitwiet il-klijenti li kellha tibghat is-socjeta' estera fuq imsemmija b'klijenti ohra taghha u ghalhekk is-servizz tal-attrici ma kienx mitluf;

b. F'dan ir-rigward l-istess socjeta' konvenuta dejjem hallset lis-socjeta` attrici ghal dawn is-servizzi u dan fl-ammont globali ta’ tmient elef tmien mija u hames liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm8,805.29) u dan kif jirrizulta mill-anness Dokument 'X' u ghalhekk jekk talvolta jista’ jkun dovut xi bilanc lill-attrici dan huwa ta' hames mija u hamsa u hamsin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm555.71) f'liema kaz din il-Qorti mhijiex kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kaz, ukoll "*rations valoris*".

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici datata 26 ta’ Awwissu 2004 a fol 91 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Novembru 2004 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn dehret Dr. Audrey Gatt ghall-kumpanija attrici. Il-kumpanija konvenuta u l-Avukat taghha msejhin tliet

darbiet ma dehrux. Peress illi l-kumpanija konvenuta naqset illi tressaq nota ta' sottomissjonijiet u llum ukoll naqset li tkun prezenti meta ssejhet il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Frar 2005; u rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha, nkluz dak tad-29 ta' Novembru 2013 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghall-31 ta' Ottubru 2013; u l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2013 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Dawn il-proceduri jikkoncernaw talba ghall-hlas ta' somma rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti mis-socjeta' attrici lil diversi turisti ta' nazzjonalita' russa fuq talba tas-socjeta' konvenuta. Il-kwistjoni kollha ghalhekk toqghod fuq jekk s-socjeta' konvenuta kkuntrattatax f'isimha jew f'isem xi socjeta' ohra kif qieghed jigi allegat.

Xehed **Claude Muscat**, in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, u qal li xogholu huwa ta' *tour operator handling agent.* Fis-sena 1998 huwa kien laqqa' lis-socjeta` Russa "*Seasons Travel Agency"* mas-socjeta' attrici li tmexxi *holiday complex.* Din il-kumpanija estera li kienu *tour operators*, kienu interessati li jiehdu *guaranteed rooms* fil-kumpless tad-Dolmen ghall-perjodu stabbilit ghas-sajf tal-1998. Dan ifisser li t-*tour operator* ihallas certu prezz ghall-kmamar garantiti anke jekk ma jbieghhomx. B'hekk dawn il-kmamar ikunu allokati ghall-perjodu stabbilit u jkun stipulat ukoll *release period* ta' 14 jew 21 gurnata. Skont ix-xhud, il-ftehim sar bejn is-

socjeta` attrici u s-socjeta` Russa. Il-*bookings* u l-*invoices* kienu jghaddu *tramite* l-kumpanija tieghu.

**In kontro-ezami** gie esebit bhala **Dok.CM2** kopja ta' ftehim ghas-sajf 1998 validu bejn l-1 ta' April 1998 sal-31 ta' Ottubru 1998 bejn *Intramed Travel Bureau* u *Dolmen Complex Limited.*[1] Ikkonferma li *Intramed Travel Bureau* huwa *t-trade name* tas-socjeta' konvenuta. Qal li s-socjeta' attrici ilmentat li s-socjeta` estera ma kenitx qed timla l-kmamar u kien hemm korrispondenza bejn il-kontendenti dwar dan. Fil-fatt baghat turisti ohra biex jimlew il-kmamar li kienu izda tas-socjeta' Russa wkoll. Ir-Russi ma bieghux il-kmamar u pprovaw jaslu ghall-kompromess. Minn 15-il kamra nizluhom ghal 7 u huma mlewhom. Ghalih ma kien fadal ebda ammont dovut ghaliex kienu mhallsin izda ma sarx diskors bejnu u s-socjeta` attrici dwar il-bilanc pendenti.

Ix-xhud spjega li s-socjeta` attrici harget *invoice* fuq il-*guaranteed rooms* li ma ntlewx mis-socjeta' Russa. Hu da parti tieghu mela l-kmamar u hallas taghhom biex jilhaq l-ammont ta' Lm9,000. "*Huma ma hadux in konsiderazzjoni ix-xoghol li tahom biex inaqqas it-telf."* Hu sostna li ghall-perjodu kollu tal-ftehim il-kmamar kienu mimlijin u ta' dak il- perjodu hallas.

Xehed **Carmel Grima**[2], *financial controller* tas-socjeta' attrici u xehed li ma jirrizulta li sar ebda pagament mis-socjeta` konvenuta fuq l-ammont mitlub fil-kawza. Ezamina l-*invoices* kollha mahrugin u ebda pagament ma sar fuqhom. L-ammont dovut huwa Lm9,361.

Xehed **Claude Muscat**[3] fuq il-mertu u qal li l-kmamar *on guarantee* kellhom jithallsu xahar qabel ma jaslu t-turisti. Tali pagament ma thallasx. Skont hu sar uzu minn dawn il-kmamar u hadu *worth* li jaqbez is-Lm7,000 u hallas taghhom. Sostna li kien qed jigi *invoiced* ukoll ghal dawn il-kmamar li hallas taghhom.

---

[1] Dan il-ftehim gie ri-esebit b'nota tas-socjeta attrici tat-13 ta' April 2004 a fol 84 et seq.
[2] Xhieda a fol. 44 tal-process.
[3] Xhieda a fol.48 tal-process

Gew esebiti diversi dokumenti mis-socjeta' attrici b'zewg noti rispettivament tat-18 ta' Dicembru 2003 a fol 65 (ittra interpellatorja ghall-hlas tal-ammont mertu ta' din il-kawza) tat-2 ta' Marzu 2004 a fol 68 (**Dokti CG1-CG4**), u tat-13 ta' April 2004 a fol 84 (rega' gie esebit **Dok.CG1**) tal-process u dan *stante* li l-process li kienet fdat ghand l-Avukat Dr. Joseph P. Bonello ma giex ritornat.[4] B'verbal ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat lill-partijiet sabiex jiddikjaraw jekk faddlilhomx provi aktar xi jressqu. Sussegwentement gew esebiti d-dokumenti a fol. 68 tal-process u a fol 83.

Rat li b'verbal tat-20 ta' Mejju 2004 il-process gie dikjarat li kien gie rikostruwit u l-kawza thalliet ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet bil-miktub. Madanakollu s-socjeta' konvenuta naqqset li tressaq is-sottomissjonijiet taghha u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza u lanqas ressqet kopji tad-dokumenti li esebew fix-xhieda jew dokumenti li jikkorroboraw it-tezi taghhom li hallsu tal-kmamar li effettivament intuzaw mit-turisti li kienu baghtu fil-kumpless attrici.

Il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra l-eccezzjonijiet rimanenti sollevati mis-socjeta' konvenuta *stante* li l-ewwel eccezzjoni giet michuda b'sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

**It-Tieni Eccezzjoni - *Preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2147(b) tal-Kap.16***

Dan l-artikolu jippreskrivi l-azzjoni tas-sidien ta' lukanda, taverna jew alloġġ, għall-alloġġ u għall-ikel li jagħtu bit-terminu ta' sena.

L-azzjoni attrici hija bbazata fuq kuntratt ossija ftehim redatt bejn is-socjeta' attrici u *Intramed Travel Bureau,* li skont ix-xhieda ta' Claude Muscat stess, huwa t-*trade name* tan-negozju operat mis-socjeta' konvenuta datata l-10 ta' Marzu 1998 (**DOK CG1** a fol. 69 - 74 tal-process), fejn hemm ukoll stipulati l-prezzijiet tal-kmamar garantiti.

[4] Ara verbal tat-23 ta' Ottubru 2003.

Ghalhekk sewwa ssottomettiet l-abbli difensur tas-socjeta' attrici li r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet mhix wahda ta' lukandier li qed ifittex il-hlas ghall-okkupazzjoni tal-kmamar, imma hija wahda kummercjali fejn il-kumpanija attrici ntrabtet li zzomm numru ta' kmamar bhala *guaranteed rooms* fil-lukanda Dolmen Hotel u s-socjeta` konvenuta ntrabtet li thallas ghal dawn il-kmamar sew jekk timlihom sew jekk jibqghu vojta.

Dan l-artikolu ghalhekk ma japplikax ghall-kaz odjern u l-eccezzjoni qed tigi michuda bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

**It-tielet Eccezzjoni -** Nullita' tac-citazzjoni.

Il-konvenut isostni din l-eccezzjoni billi jghid li l-*prospett* imsemmi fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni li kellu jigi anness mal-atti tal-kawza ma kienx anness.

Din il-kawza giet intavolata abbazi tal-artikoli 167-170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta izda l-esebizzjoni ta' dokumenti mehtiega biex isahhu t-talbiet attrici m’humiex mehtiega tassattivament, *ad validitatem* tal-istess Citazzjoni.

Illi fl-ewwel lok jinghad li llum hija gurisprudenza stabbilita li l-Qorti kemm jista’ jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta’ kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista’ jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta’ citazzjoni ghandu jigi mwaqqa’ u annullat biss ghal ragunijiet gravi u dan *stante* li kif intqal fis-sentenza **“Ignatius Licari vs Anthony Cassar”** (P.A. (RCP) 12 ta’ Dicembru 2001):

*"Il-ligi nostrana titkellem car meta citazzjoni ghandha tigi dikjarat nulla.* ***L-Artikolu 789 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili*** *jistipula illi:*

*(1) L-eccezzjoni ta' nullità tal-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi."*

Illi, minbarra dan, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, l-eccezzjoni ma tirnexxix jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi. Ara l-kawza fl-ismijiet "***Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino***"[5].

Fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas ta' annessjoni tad-dokument (prospett) mac-citazzjoni ma jgibx in-nullita` tal-att gudizzjarju innifsu. Is-socjeta` attrici annettiet affidavit li ghandu valur probatorju, u fil-kors tal-proceduri, xehed il-*financial controller* tas-socjeta' attrici u kkonferma li ma saru l-ebda hlasijiet fuq l-ammont mitlub.

Ikkonsidrat li l-kawza kompliet tigi mismugha fil-kors ordinarju fejn kull parti inghatat l-opportunita` li tressaq il-provi taghha fiz-zmien opportun .

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess, din l-eccezzjoni qed tigi wkoll michuda.

**iii) Eccezzjonijiet fuq il-mertu.**

---

[5] **28.1.1998** (Kollez.Vol: **LXXXII.ii.30**) -App.Civ.

Is-socjeta konvenuta issollevat diversi eccezzjonijiet fuq il-mertu tal-kaz li l-qorti ser tindirizzahom flimkien.
Hu pacifiku li l-partijiet iffirmaw ftehim bejniethom (**DOK CG1)** li permezz tal-istess, is-socjeta' konvenuta ntrabtet li thallas ghall-akkomodazzjoni garantita anke f'kaz fejn il-kmamar ma jittiehdux.

Skont **DOK CG2 a fol. 75** datata is-26 ta' Lulju 2002 mibghuta mis-socjeta' attrici lill-*Intramed Travel Bureau,* u li hu kont li jigbor l-invoices *outstanding,* jirrizulta li l-ammont ta' Lm9,378 kien dovut mill-konvenut.

**DOK. CG3 a fol. 76-78** huwa *invoice* numru 67248 li hu msemmi fid-dokument **DOK CG2.** Dan hu maqsum f'zewg kontijiet li jirreferu ghall-datati 2.8.98 u 21.7.98 rispettivament ta' Lm3,719 u Lm5,642. Ma jirrizulta ebda *entry* taht il-kolonna "*Credit"* f'dan id-dokument u lanqas fid-dokument **CG2.**

L-ewwel faccata tad-**Dok. CG4 a fol. 79** jaghti *breakdown* tal-ammont ta' Lm9,361 mitlub fic-citazzjoni li dovut ghall-perjodu bejn is-16.6.1998 sa 16.7.1998 ghall-kmamar li baqghu ma ttiehdux mill-konvenut (*No. of rooms unsold).*

Jirrizulta mix-xhieda ta' Carmel Grima, il-*financial controller*, li qal li ezamina l-*invoices* kollha, li ma sar ebda hlas fuq l-ammont ta' Lm9,361 li ghalhekk huwa dovut.

Ikkonsidrat li s-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda prova in sostenn tat-tezi taghha li hallset ghall-kmamar allokati u li ghalhekk ma hemm xejn dovut. Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu jannetti Prospett "**Dok.X"** ta' hlasijiet, izda dan m'huwiex fil-process u ma giex esebit fil-kors tat-trattazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tieghu. Is-socjeta' konvenuta kellha kull opportunita` li tesebixxi d-dokumenti li kellha bzonn bhal ma ghamlet is-socjeta' attrici, imma baqghet inadempjenti.

Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti tqis li mhix verosimili li l-konvenut ghandu xi *invoices* li jikkreditaw il-pagamenti li seta' ghamel. Fix-xhieda tieghu moghtija fit-28 ta' Gunju 2000 semma' li hallas b'cekk izda baqa' ma pproduciex

kopji tac-cekkijie ,*cheque images* jew provi ohra bankarji kif kien jinkombi fuqu biex jaghmel.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tqis li s-socjeta' attrici rnexxielha tipprova t-talbiet taghha u li s-socjeta` konvenuta ghandha twiegeb ghall-istess u thallas l-ammont mitlub.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta**; **tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta** thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u hames ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€21,805.26) flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-pagament effettiv.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------